# il-Ħuttafa

## il-magażin ta' Klabb Ħuttaf




isfar

numru 91

marzu - april 2009




# Ħej Ħbieb!

Ritratt ta' Aron Tanti

## editorjal

Dir-rebbiegħa kienet waħda mill-isbaħ li niftakar. Għaliex? Għax dis-sena ħrigt fil-kampanja u gawdejt mhux biss il-fjuri imma anke l-għasafar. L-għasafar stajt ingawdihom iktar għax dis-sena ftit rajt kaċċaturi jisparaw fuqhom.

Kemm ili noħroġ berdwoċing, kont spiss nispiċċa f'burdata ħażina. Kont nisma' t-tiri tas-snieter u nara l-għasafar niżlin mejtin fl-art. Ħafna minn dawn l-għasafar kienu protetti bil-liġi, bħad-Daqquqa tat-Toppu, it-Tajra Safra, il-Bagħdan Aħmar, il-Kuċċarda, ir-Russett Griż, ir-Rundun u anke l-Ħuttaf ħelwin li jien naf li intom tant tħobbu. Tgħidx kemm għandi ritratti ta' tajr mejjet li kont insib - album veru tal-biki!

Issa ħarġet liġi li biha l-kaċċaturi ma tħallewx joħorġu joqtlu l-għasafar fir-rebbiegħa. Il-BirdLife ilha ħafna snin tiġġieled għal din il-liġi. Aħna li nħobbu n-natura nisperaw li din il-liġi tibqa' hemm għal dejjem, u li l-pulizija jaraw li l-kaċċaturi jobduha. B'hekk l-għasafar ikollhom ċans ipassu u jbejtu u jrabbu familja mingħajr biża' ta' dak il-misħut sparar qerriedi. Dir-rebbiegħa l-kampanja kienet iktar sabiħa, iktar mimlija ħajja, u iktar nadifa.

Jien nispera li sa ma tikbru intom, il-kaċċa fir-rebbiegħa tkun saret memorja antika u kerha, u li nħares lejn dak l-album u ngħid: "Marelli, kemm konna kattivi dari!"

Victor

**Victor Falzon**
l-editur




## X'hemm mal-faċċata?



L-ISFAR (Yellow Wagtail Motacilla alba) huwa zakak li naraw fir-rebbiegħa u fil-ħarifa. Hemm diversi razez ta' zizka sofor, u kull razza għandha lwien u marki differenti fuq ir-ras. Dan per eżempju għandu rasu griża skur b'faxx abjad fuq għajnu.

Ritratt ta' Chris Cachia Zammit



## X'għandna?


| | |
|---|---|
| Editorjal | 2 |
| Aħbarijiet | 3 |
| Mid-dinja | 4 |
| X'nista' nara tgħid? | 5 |
| L-iSkrepbuk tal-Fjuri | 5 |
| Ħuttaf Maħlub | 6 |
| Waslet il-Passa... | 7 |
| Il-Mixja | 8 |
| Foresta Tropikali | 9 |
| Nilagħbu tikka | 10 |
| Gallerija | 10 |
| Qatt innutajt? | 11 |
| Dinja Waħda | 11 |





**Il-kumitat ta' Klabb Ħuttaf**

Kathleen Mamo (kap) • Jason Aloisio • Matthew Borg Cardona • Desirée Falzon • Victor Falzon • Angèle Pulis



**kuntatt**

indirizz
**BirdLife Malta**
**57/28 Triq Abate Rigord**
**Ta' Xbiex XBX 1120**
tel **21347644 / 21347645 / 21347646**
imejl **info@birdlifemalta.org**
imejl tal-magażin
**il-huttafa@birdlifemalta.org**
websajt **www.birdlifemalta.org**


**Klabb Ħuttaf**

Klabb Ħuttaf huwa t-taqsima ta' BirdLife Malta għall-membri ta' taħt it-18-il sena. Għall-membri tal-Klabb nagħmlu ħarġiet fil-kampanja, żjarat f'riservi naturali, mixjiet, ħarġiet bil-lanċa, u nagħmlu wkoll xogħol ambjentali. Kull xaharejn noħorġu dal-magażin Il-Ħuttafa li nibagħtuh lill-membri d-dar bil-posta. Bħalissa fil-Klabb qegħdin iktar minn 1000 membru. Sħubija fi Klabb Ħuttaf hija €7 fis-sena.


© Publikazzjoni BirdLife Malta, April 2009


Disinn u produzzjoni Victor Falzon
Stampat għand Poulton's Print Shop




## il-ġanbublu



Michael Sammut

Wieħed mill-għasafar tal-ġenn li xi berdwoċers gawdew dir-rebbiegħa huwa l-**ġanbublu** (rock thrush). Dan ikun qisu merill li donnu ż-żebgħa blu spiċċatlu nofs leħja... u kompla sidru u żaqqu bl-oranġjo! :) Il-ġanbublu ma jgħixx Malta s-sena kollha. Jieqaf hawn għal ftit żmien biex jistrieħ waqt il-passa tar-rebbiegħa u tal-ħarifa.



**KAPPUN** - tip ta' russett skars li diffiċli tarah għax iħobb jistaħba fil-qasab u għandu kamuflaxx babaw. Dan tar-ritratt niżel jistrieħ Is-Simar kmieni f'April 2009.

Ray Galea

## Tgħid nitilfuha?



F'Malta għandna speċi waħda ta' gremxula: il-Gremxula ta' Malta (Maltese Wall Lizard). Fuq Filfla, fuq il-Ġebla tal-Ġeneral u fuq Selmunett hemm razez tikka differenti ta' din il-gremxula, razez li ma jinsabu mkien iktar fid-dinja... razez endemiċi.

F'dawn l-aħħar 10 snin il-gremxul ta' Selmunett (il-Gżejjer ta' San Pawl) naqas ħafna - mid-dehra kiluhom il-firien! Sentejn ilu sar proġett biex ineħħu l-firien kollha minn Selmunett. Imma donnu dan l-isforz sar tard wisq, għax il-gremxul leħaq sparixxa! B'xorti tajba leħqu nqabdu xi gremxuliet minn Selmunett u nżammu fil-magħluq sakemm il-firien jitneħħew. Uħud minn dal-gremxul issa reġa' nħeles fuq Selmunett. Nisperaw li jibqgħu ħajjin u jerġgħu jżidu l-popolazzjoni, għax jekk le, il-Gremxula ta' Selmunett nistgħu ngħidulha Ċaw ċaw! :( :( :(

**Gremxula ta' Selmunett**
*Podarcis filfolensis kieselbachi*
Fiż-żmien tan-namra r-raġel ikollu taħt geddumu isfar jew oranġjo

Arnold Sciberras



mid-dinja...

# Obama għall-Ambjent!

Barack Obama, il-President il-ġdid tal-iStati Uniti, għadu kemm id-dikjara diversi postijiet ta' ġmiel naturali f'disa' Stati bħala art protetta. F'dawn il-postijiet hemm irqajja' ta' muntanji, deżert u foresta (medda totali ta' 8094km² = 25 darba daqs il-Gżejjer Maltin) u anke 1600km ta' xmajjar.

S'intendi, l-ambjentalisti huma kuntenti ħafna...



Little River Canyon (Alabama, USA) huwa wieħed mill-postijiet naturali li se jgawdu protezzjoni ġdida.

Go, go, USA!

# Aħbar tajba mill-Amażon



Fil-Brażil hemm l-Amażon, l-ikbar foresta tropikali tad-dinja. Dil-foresta l-ħin kollu jaħarqu minnha, u kull sena tiċkien. Dal-ħruq isir l-iktar biex fuq l-art imbagħad ikabbru s-soja jew biex irabbu miljuni ta' baqar.

Imma f'dawn l-aħħar snin din il-qerda bdiet tonqos. Il-gvern tal-Brażil fl-aħħar aċċetta li jsalva l-foresta, u ftit ilu ordna biex ma tinqeridx iktar foresta għat-tkabbir tas-soja. Qal ukoll li ħa jipprova jagħmel l-istess mal-bdiewa tal-baqar.

## L-Anġlu tal-Amażon



Daċ-ċaqliq biex titħares l-Amażon ġie kollu bis-saħħa ta' dil-mara qalbiena jisimha Marina Silva. Din kienet il-ministru tal-ambjent fil-Brażil, u bix-xogħol ħabrieki tagħha l-qerda tal-Amażon naqset b'60%. Silva għadha kemm rebħet is-Sophie Award għax-xogħol ambjentali tagħha. Prosit Marina! J'Alla l-Ministri tal-Ambjent ikunu kollha bħalek.

Imma xorta waħda s-sena l-oħra ħarqu 11,900km² mill-Amażon

Dak ifisser...illajs... kważi 40 darba daqs Malta!



spanjulett

Ian Balzan

# Għassa bi nhar...

Bdiewa fl-Iżrael, fl-Awtorità Palestinjana u fil-Ġordan qed jarmaw nest boxes biex iħajru l-Barbaġann u l-iSpanjuletti jbejtu fuq l-art tagħhom. B'dawn iż-żewġ għasafar tal-priża jikkaċċjaw għall-ġrieden qalb il-prodotti tar-raba', il-problema tal-gerriema tonqos sew. Par Barbaġann kapaċi jieklu 2000 ġurdien fis-sena. U par Spanjuletti l-istess. Dan jgħidulu kontroll bioloġiku, u jiffranka lill-bdiewa ħafna nfiq ta' flus fuq pestiċidi li jniġġsu l-art u l-ilma. Dal-proġett qed isir bl-għajnuna tal-SPNI, li hija l-BirdLife fl-Iżrael.

Peress li l-iSpanjulett jikkaċċja bi nhar u l-Barbaġann jikkaċċja bil-lejl, il-bdiewa għandhom l-għassa 24 siegħa kuljum!

# ...u bil-lejl!



barbaġann

Phil Koken

Meta se jkollna l-istess ħaġa f'Malta, tgħid?

Ħeqq, meta l-kaċċaturi jitgħallmu ma joqtlux dawn l-għasafar, hux!



# X'nista' nara tgħid?

**Jason Aloisio** jgħidilna fuq għasfur li nistgħu naraw daż-żmien tas-sena

## il-kuda

Northern Wheatear
Oenanthe oenanthe

Il-Kuda hija għasfur li żżomm fil-beraħ, speċjalment art bil-blat. Hija komuni fiż-żewġ pases. Tħobb toqgħod fuq xi ġebla ftit għolja, ħajt jew arbuxxell, minn fejn tgħarrex għad-dud u l-insetti. meta titgerrex ittir fil-baxx u malajr terġa' toqgħod. Waqt it-titjira, denbha zgur li jolqtok peress li jispikka l-abjad maqtugħ bi strixxa sewda mad-dawra t'isfel u fin-nofs (qisha T bil-maqlub).

Il-Kuda tqatta' x-xitwa fl-Afrika, 'l isfel mid-Deżert Saħara. Tbejjet fl-Ewropa kollha, anke fi Greenland. Tbejjet ukoll fil-Kanada u l-Alaska. Barra din, f'Malta tidher speċi oħra ta' kuda, jisimha Kuda Dumnikana. Mhix komuni daqs il-Kuda, u għandha iżjed abjad u iswed mill-Kuda komuni.



L-istampa meħuda mill-ktieb Għasafar Madwarna, li qiegħed għall-bejgħ (€5) mill-BirdLife.

Insomma ta, ma tantx ġewk puliti...

Se nwerżaq!

# L-iSkrepbuk tal-Fjuri

kitba ta' **Jeffrey Sciberras**

## ħabb il-qamħ tar-raba'

bl-Ingliż **Field Gladiolus**
isem xjentifiku **Gladiolus italicus**

- Pjanta ¹perenni u bil-basla.
- Weraq weqfin dritti u tawwalin, b'vini paralleli (bħal ħafna pjanti oħra ta-basla).
- Twarrad fir-rebbiegħa. Fjuri rosa kbar b'marki bojod.
- Tikber l-iżjed ħdejn u qalb l-għelieqi tal-qamħ kif ukoll f'raba' mitluq. Mifruxa sew f' Malta u f'Għawdex, u hija frekwenti.
- Pjanta li tista' tkun ²indiġena jew daħlet Malta fl-antik ħafna.
- Teżisti wkoll speċi oħra ta' ħabb il-qamħ, li tinstab fil-widien. Tixbaħ ħafna lil din, imma hija rari.



Victor Falzon

¹**perenni** - pjanta li tgħix iktar minn staġun wieħed, kultant ħafna snin.
²**indiġena** - speċi li minn dejjem kienet tgħix fil-post, u ma ddaħħlitx mill-bniedem.

# Ħuttaf Maħlub...

Ħafna drabi meta naraw il-maltemp ġej, nitgezzu wara tieqa fid-dar tagħna naraw ix-xita nieżla minn wara l-ħġieġ. Kultant tleħħ xi berqa fis-sħab iswed, u nitwerwru ftit meta naraw dak l-ispark kbir jixgħel is-sema.

Meta tkunu hekk, qatt taħsbu fl-għasafar li jkunu hemm barra jitħabtu mar-riħ u max-xita?

Ħafna għasafar ukoll jibżgħu mill-maltemp u jekk ikunu jistgħu, jippruvaw jistennu x'imkien. Imma kultant l-għasafar jinqabdu f'maltempata waqt li jkunu qed ipassu minn fuq il-baħar. Dawn il-povri ma jkunux jistgħu jieqfu għax s'intendi jekk jinżlu fil-baħar jegħrqu.

Hekk ġralhom ħafna Ħuttaf u Ħawwief meta qam dak ir-riħ u maltemp f'nofs April. Dak il-ħin kien hemm eluf qed jaqsmu mil-Libja għal Malta (vjaġġ ta' 200km ta' baħar u iktar baħar) u sabu dak ir-riħ kollu ma' wiċċhom. Min jaf kemm minnhom għejew u waqgħu fil-baħar. Dawk li waslu Malta tant kienu għajjenin li bdew jinżlu fejn ġie ġie... fit-toroq, fuq il-bankini, fix-xtut, anke bdew jidħlu fil-bini. Ilkoll għasra, ilkoll imġewħin, ilkoll mejtin bl-għeja.

Dawn ir-ritratti juru ftit xeni minn dawn...



Aron Tanti

Ħuttaf jistkenn fil-ħajd tar-riserva tal-Għadira



Denis Cachia

Grupp Ħuttaf jitgezzu fuq bankina fix-Xemxija



Nicholas Galea

Gzuz ta' Ħuttaf jistkennu fil-ħajd tar-riserva tas-Simar.



Aron Tanti

Ħuttafa mperrċa bla biża' fuq kamkorder fil-ħajd tal-Għadira

## WEBS@JT

T@JB@ LI SIBN@...

www.breathingearth.net

Dil-websajt fiha mappa "ħajja" tad-dinja. Kif tidħol fiha din tibda tgħodd u turik sekonda b'sekonda kemm kull pajjiż ikun qed jarmi karbon fl-arja, kemm jitwieldu nies fih eċċ. Tal-ġenn... u ftit tal-biża' wkoll!




merlin library

the name in publishing and bookselling since 1964

An unbelievable range of books to suit all tastes at the best prices

www.merlinlibrary.com
mail@merlinlibrary.com

merlin library

Mountbatten Str. Blata l-Bajda HMR 1575

T: 21 234438
21 221205
F: 21 221135




# Waslet il-passa...




adattata minn mappa ta' BirdLife International

Fir-rebbiegħa tgħaddi l-passa tal-għasafar. Miljuni ta' għasafar iħallu l-Afrika u jagħmlu vjaġġ twil, jaqsmu l-Baħar Mediterran u jmorru l-Ewropa biex ibejtu. Dil-mappa turi (bl-aħdar) l-iktar rotot importanti li jużaw l-għasafar. Kif taraw, xi rotot jgħaddu minn fuq Malta wkoll. Gawduha l-passa, għax hija spettaklu tan-natura.


Victor Falzon

Il-grupp fid-Dwejra, ftit qabel ma komplejna...

# Ġbarniehom...

Il-Mixja Maratona ta' Marzu kienet suċċess għax ġew ħafna tfal, ġabru skoss flus u kulħadd ħa gost.

It-temp inkiena u filgħodu għamel anke ftit silġ li forsi gerrex xi nies milli jattendu. Imma xorta konna b'kollox **155 ruħ**! U kelb!

Iltqajna r-Rabat u wara li l-leaders kellmuna ftit, ħadna ritratt u tlaqna nimxu. F'siegħa wasalna d-Dwejra, fejn straħna ftit. Imbagħad komplejna lejn Binġemma u ż-Żebbiegħ. Hawnhekk telgħet sħaba u xarrbitna, imma xorta ma qtajniex qalbna.

Komplejna lejn San Martin, fejn ħadna brejk ieħor. Imxejna l-aħħar tappa u wasalna Is-Simar f'xi 12.15pm. Hemmhekk sibna pittura kbira fuq kanvas, li kellha s-siġar għadhom bla kulur. Għalhekk kulħadd ta daqqa t'id biex jitpittru l-weraq u b'hekk l-istampa lestejnieha. Sadattant kulħadd kiel il-mandolin li tqassmilna u ġiet ukoll Ħuttafa (il-maskot tal-Klabb) tkanta u tixxala magħna!

Imbagħad tqassmu r-rigali lil dawk li ġabru l-flus. Il-leaders ġabruna u qalulna kemm inġabru flus. Il-membru li ġabret l-iktar kienet Jacqueline Licari (€185!). Prosit Jac! Imbagħad għedna Ċaw lil xulxin u rkibna t-trasport lura lejn ir-Rabat.


Hawnhekk jidher parti mill-grupp fl-ewwel tappa tal-mixja, waqt li qed jaqsmu l-pont fuq Wied il-Qlejgħa.

Desirée Falzon

# ...u xtrajnieh!


Victor Falzon

Ir-rejnġer tal-foresta qed juża l-għodda l-ġdida li nxtrat.

It-total li nġabar mill-mixja kien €1481 - numru rekord għal dawn il-mixjiet tal-klabb. Il-grasscutter għal Foresta 2000 nxtara l-għada stess u diġà qed jintuża. Grazzi kbira lil kulħadd!

### Dawn huma s-76 tifel u tifla li ħadu sehem fil-Mixja 2009

Sarah Abdalla • Nicole Aloisio • Hanien Alouzi • Ibtihal Alouzi • Amira Aterair • Christian Attard • Fabian Attard • Jurgen Azzopardi • Ryan Bajada • Benjamin Barthet • Shayma Ben Saad • Sumaya Ben Saad • Wayne Bonnici • Michael Borg • Shanice Borg • Thea Borg • Gabrielle Cachia • Leandros Cachia • Marta Cachia • Andrew Calleja • Chanice Camilleri • Daniel Camilleri • Rebekah Camilleri • Mirea Caruana • Liam Cassar • Kayleigh Cauchi • John Critien • Francianne Cutajar • Martina Degiorgio • Mohammed Dekna • Raisa Ebeid • Sarah Ebeid • Daniela Farrugia • Kevin Farrugia • Maria Farrugia • Anthea Fenech • Ishmael Galea • Diana Gauci • Jeniva Grima • Maja Herrera • Nader Kabar • Omar Kassab • Helene Kristensen • Jacqueline Licari • Andrew Magri • Ylenia Marie Magri • Timothy Micallef • Daryl Mifsud • Jodie Mifsud • Shaineen Mifsud • Gavin Muscat • Maria Nappa • Matthew Nappa • Ebtisam Oulaiwi • Enwai Oulaiwi • Gabriel Pace • Sarah Pace Bonello • Askya Pizzuto • Maria Privitera • Luigi Pullicino • Christian Schembri • Johann Seychell • Mohammed Shurrab • Maya Spiteri Dalli • Alessia Stivala • Michaela Tabone • Caroline Vassallo • Owen Vella • Chayenne Xuereb • Hannah Marie Xuereb • Deborah Warrington • Andrew Worley • Chase Zahra Zammit • Steve Zammit Lupi (+ tnejn oħra li ma tawniex isimhom!)

Jaħasra, kieku mort kienu jġibuni fil-lista!







Ilkoll nafu li l-[1]biodiversità hija importanti immens. Il-biodiversità però mhijiex imqassma ndaqs madwar id-dinja. Hemm postijiet jgħidulhom hotspots li jkollhom iktar biodiversità minn postijiet oħrajn. Fost dawn il-hotspots insibu l-foresti tropikali.

# foresta tropikali

Elisabeth Conrad

## umda

Kif ikunu l-foresti tropikali (bl-Ingliż rainforests)? L-ewwelnett dawn jinstabu fejn il-klima hija dejjem sħuna u fejn tagħmel xita tista' tgħid kuljum - fil-fatt ftit ikun hemm bdil ta' staġuni. Is-sħana u l-ilma joħolqu ambjent perfett għal varjetà kbira ta' pjanti.

## rikka

In-naturalisti jqassmu l-ħabitati tal-foresti tropikali f'żoni skont l-għoli mill-art. Żona importanti ħafna hija l-kanupew (bl-Ingliż canopy), fejn hemm il-quċċata tas-siġar. Minħabba l-ammont kbir ta' siġar, il-kanupew huwa folt ħafna u ftit jgħaddi dawl minnu. Għalhekk fis-saffi ta' taħt jikbru inqas pjanti. Minħabba n-nuqqas ta' dawl, diversi pjanti evolvew biex flok jikbru fl-art, jikbru fuq siġar oħrajn - jgħidulhom **epifiti**. Uħud minn dawn il-pjanti jieħdu s-sustanzi anke mill-arja.

Epi.. epif... Happy Feet!

Happy rasek!

Fejn hemm daqshekk rikkezza ta' pjanti, mhix sorpriża li nsibu wkoll ħafna annimali differenti. Fil-foresti tropikali jgħixu kull tip ta' annimal, inkluż diversi insetti, għasafar, amfibji, rettili u mammiferi. U ħut fix-xmajjar!

## fraġli

Għalkemm ambjent b'varjetà kbira ta' ħajja, il-foresti tropikali huma wkoll fraġli. Per eżempju, kontu tafu li l-ħamrija tal-foresta hija fqira? Hekk hu! Minħabba s-sħana, materjal organiku jiddekomponi malajr, u s-sustanzi jittieħdu malajr mill-pjanti flok jibqgħu fil-ħamrija. Għal-hekk, għalkemm il-bniedem jaqta' ħafna foresta biex juża l-art għall-biedja, il-ħamrija ma ddumx pro-duttiva mingħajr l-użu ta' sustanzi artifiċjali.

Il-foresti huma importanti ħafna wkoll fil-ġlieda kontra l-bdil fil-klima. Kif tafu, il-pjanti jassorbu l-$CO_2$ u jarmu ħafna ossiġnu. Il-foresti tropikali jirregolaw il-klima, inkluż iċ-ċikli tal-ilma. Barra minn hekk, mill-pjanti u l-annimali tal-foresti, il-bniedem skopra diversi mediċini ġodda. In-nies indiġeni li jgħixu fil-foresta spiss ikunu jafu sew il-valur mediċinali ta' pjanti differenti, u dat-tagħrif qed jinqered hekk kif jinqerdu dawn il-komunitajiet u l-kultura tagħhom, flimkien mal-qerda tal-foresta.

[1]**biodiversità** - varjetà ta' ħajja.

### Fejn huma l-foresti tropikali?



| Amerka Ċentrali | Amerka t'Isfel | Afrika | Asja |
|---|---|---|---|
| Mexico | Venezuela | Congo DR | Malaysja |
| Belize | Bolivia | Congo | Borneo |
| Honduras | Brazil | Rwanda | Papua New Guinea |
| Nicaragua | Ecuador | Gabon | Sumatra |
| Panama | Colombia | Cameroon | Indonesia |
| Costa Rica | Guyanas | Madagascar | Australja |

Hemm pajjiżi oħrajn ukoll.


Alison Buttiġieġ

**Poison-dart Frog** - żrinġ żgħir imma velenuż, li jgħix fil-foresta Amażon.


Alison Buttiġieġ

**Hummingbird** - għasfur daqs tikka b'kuluri tal-ġenn. Jixrob mill-fjuri bħall-insetti.

# nilagħbu tikka

ma' Janet u Amy Gerardi

F'dawn il-kaxxi hawn skoss ismijiet ta' għasafar (15 b'kollox) imma l-ittri qegħdin kodiċi. Xogħolkom hu li ssibuhom. L-ismijiet qegħdin kollha mimdudin.

| | | | | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| A | K | I | B | O | | | | | | | | | | | | |
| E | O | L | J | M | U | | | | | | | | | | | |
| L | M | Ġ | Ġ | I | R | R | R | O | Ġ | - | Ġ | K | X | O | L | |
| Ħ | M | E | H | L | I | W | W | | | | | | | | | |
| Ġ | I | Z | I | L | R | O | W | - | Ċ | O | U | U | K | I | Z | O |
| R | K | X | K | I | X | O | R | O | W | - | H | O | Ċ | O | L | |
| H | O | L | H | O | X | O | U | U | | | | | | | | |
| E | O | W | G | K | T | T | K | Ġ | S | I | P | | | | | |
| Ż | Q | Ż | Ż | O | R | O | N | - | N | O | J | Ċ | L | K | | |
| Ġ | F | O | U | D | M | W | I | R | R | | | | | | | |
| G | I | U | I | S | S | O | | | | | | | | | | |
| Ż | M | P | O | P | M | E | U | K | Ż | O | U | O | | | | |
| G | D | Q | W | K | U | R | O | N | - | N | K | R | S | O | | |
| P | O | Z | Z | M | Z | O | R | O | R | - | R | Q | F | F | M | |
| J | O | S | S | K | D | O | L | O | Ġ | V | O | Ġ | I | S | P | O |

Biex ngħinukom kxifnielkom tliet ittri bil-lest.



| A | B | Ċ | D | E | F | Ġ | G | Ħ | H | I | J | K | L |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | M | | | | | | | | I | |

| M | N | O | P | Q | R | S | T | U | V | W | X | Ż | Z |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | T | | | | | | | | |

F'dil-logħba l-ittra IE qiegħda mifruda I u E

# gallerija

Ibagħtulna tpinġijiet u ritratti li tieħdu. Basta jkunu tan-natura.



tajra safra
kevin farrugia 10



żring
nicholas abela 12



rożinjol
kurt darmanin
10



msella
daniel aquilina 9



tertuxa
timothy micallef 14



daqquqa tat-toppu
omar agius 10



# Qatt innutajt?

desirée falzon



Desirée Falzon

## ir-reżina

Qatt innutajt li xi siġar kultant ikollhom qisha kolla ddellek maz-zokk? Tkun twaħħal ħafna u magħquda, qisha għasel. Dik x'inhi? Għaliex is-siġra tagħmilha?

Dik jgħidulha **reżina** u hija importanti ħafna għas-siġra. Immaġina ħanfusa li tkun trid tixrob is-sustanzi tas-siġra. Biex tagħmel dan, trid ittaqqab il-qoxra - din mhix problema għax il-ħanfusa tkun armata biex ittaqqab. Imma s-siġra għandha difiża oħra: ir-reżina! Jekk fiz-zokk ikun hemm ir-reżina, il-ħanfusa ma tkunx tista' tkompli ttaqqab għax teħel fiha. Anke meta sigra jkollha qasma fiz-zokk, toħroġ ir-reżina ħalli l-ħanfus ma jkunx jista' jidħol minn dal-punt debboli.

X'aktarx hemm raġunijiet oħra għar-reżina. F'pajjiżi keshin is-siġar tal-prinjol jużaw r-reżina bħala difiża kontra l-kesħa, għax iżżomm bħal qisha kutra shuna madwar iz-zokk. Bl-istess mod, f'pajjiżi shan, ir-reżina tipproteġi s-siġra milli jevaporalha l-ilma.

Imma mhux is-siġra biss tgawdi mir-reżina, għax il-bniedem ukoll sab ħafna użi għaliha. Jeżistu oqsma shaħ ta' art fejn ikabbru s-siġar għar-reżina. Jagħmlu qasma żgħira fiz-zokk u s-siġra tnixxi r-reżina li mbagħad tingabar. Mir-reżina jagħmlu fwejjaħ, kolla, varniċ u anke chewing gum! Fil-qedem tant kienet prezzjuża r-reżina li kienet tingħata bħala rigal: fil-Vanġelu nsibu li lil Ġesù tarbija tawh l-inċens u l-mirra, li fil-fatt huma żewġ tipi ta' reżina - u li kienu jiswew daqs id-deheb!

## titwila lejn Dinja Waħda

Desirée Falzon

dinja waħda

F'Il-Ħuttafa 89 konna ġibna fuq l-attività Junior Journalist mill-Action Guide ta' Dinja Waħda, fejn għidnielkom issegwu l-aħbarijiet u tfittxu ġrajjiet ambjentali. L-attività ta' did-darba għandha x'taqsam, imma bil-kontra! Flok tfittxu aħbarijiet, se tagħmluhom intom stess!

F'**Media Attack**, tikteb ittra lil xi gazzetta jew radju dwar ġrajja ambjentali li rajt jew ħadt sehem fiha, jew xi ħaġa naturali li laqtitek. Per eżempju, kien hemm min kiteb fil-Junior News tat-Times of Malta dwar il-mixja maratona li għamilna f'Marzu. Ħaddieħor kiteb fuq meta marru r-riserva tal-Għadira ma' tal-iskola u raw ħafna għasafar u kamaleonti. Tista' tikteb dwar attività ta' Dinja Waħda li qed issir fl-iskola tiegħek, jew tikteb kontra xi moħqrija lejn l-annimali, bħal xi ħadd jaqbad il-pitirrossi. Jekk taħseb ftit, malajr issib dinja ta' aħbarijiet li tista' tikteb dwarhom. L-ittra mhemmx għalfejn tkun twila, u jekk għandek, tajjeb li jkollok ritratt għal magħha.




Itlob lill-għalliema tiegħek tgħinek kif tikteb ittra u kif tibgħatha lill-gazzetta. Fl-Action Guide hemm l-indirizzi kollha li għandek bżonn (p.34). Biex l-iskola tirbaħ punti għal Dinja Waħda, tinsiex issemmi li qed tieħu sehem fil-kampanja Dinja Waħda jew li int membru fi Klabb Ħuttaf tal-BirdLife!

BirdLife MALTA

Dinja Waħda hija kampanja edukattiva li qed titmexxa fl-iskejjel primarji minn BirdLife Malta flimkien ma' Bank of Valletta Ltd, il-partner tagħha fl-edukazzjoni

BOV Bank of Valletta

# Bank of Valletta



## Mid-djarju kulturali ta' Ċikkurillu u Ċikkurilla

Hello ħbieb, dan l-aħħar aħna morna nżuru l-Mużew Bankarju tal-Bank of Valletta li jinstab ħdejn il-Kon-Katidral ta' San Ġwann, fil-Belt Valletta. Dan il-mużew jiġbor fih l-istorja bankarja tal-Bank of Valletta li tmur lura sa mill-1809.

Bqajna skantati bl-affarijiet li rajna. *Cash Books* enormi li kienu jirreġistraw fihom it-transazzjonijiet bankarji tal-klijenti, sejf tal-1812 li fih kienu jsakkru l-flus u dokumenti importanti kif ukoll biċċiet ta' għamara u tagħmir li kienu jintużaw mill-antenati tagħna. Skoprejna wkoll li t-tlitt imwieżen li hemm fil-mużew kienu jintużaw, wieħed biex jiżen il-flus, ieħor għad-deheb u l-iżgħar wieħed għall-ittri. U l-aktar li stgħaġibna hu bil-fatt li dawn l-oġġetti huma f'kundizzjoni perfetta.

B'hekk tfal inħeġġukom biex tmorru żżuru l-mużew biex intom stess taraw b'għajnejkom dawn l-affarijiet tant interessanti. Il-Mużew Bankarju hu miftuħ għal kulħadd bejn it-Tnejn u l-Ġimgħa bejn 9.00am u 12.45pm u d-dħul huwa b'xejn - ċemplu fuq 2275 3336 jekk tixtiequ aktar tagħrif.




Ċikkurillu & Ċikkurilla

BOV
Bank of Valletta
Impenn lejn is-Suċċess tiegħek

www.bov.com customercare@bov.com 2131 2020

Maħruġ mill-Bank of Valletta p.l.c., 58 Triq Żakkarija, Valletta VLT 1130 - Malta

BOV 22929